MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 9/2024 LM

**Diane Calleja (K.I. nru. 505777(M))**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Diane Calleja (K.I. numru 505777(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2024, numru 717/2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-

appell tagħha fil-konfront tal-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'] u jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu, 2021.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-imsemmija deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, fejn informa lill-appellanta li hija ma kinitx intitolata għall-Pensjoni Kontributorja għaliex *'medja minn sena għal sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnek jew kreditati lilek hija anqas minn 20 skont artiklu 17(5) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 319) tal-Liġijiet ta' Malta.'.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta appellat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat fit-13 ta' April, 2021, fejn sostniet li t-talba tagħha għall-benefiċċju in kwistjoni kienet ġiet miċħuda fuq pretensjoni żbaljata.

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fit-28 ta' Lulju, 2021, fejn filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellanta kien wieħed tardiv, issottometta li l-appellanta kienet ħallset inqas minn mija sitta u ħamsin kontribuzzjoni, u għalhekk il-medja fuq sitta u għoxrin (26) sena kienet waħda baxxa.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi jibda biex jingħad li prova tad-tardività f'dan il-każ ma tressqet ebda prova minn naħa tad-DSS. Illi l-unika aċċenn kien biss l-ittra iġġib id-data tat-8 ta' Marzu 2021 filwaqt li l-appell daħal fit-13 t'April 2021. Illi f'dan il-każ ma kien hemm ebda prova meta waslet l-ittra lill-appellanta. Illi għalhekk din l-eċċezzjoni mhux qiegħda tiġi milqugħa.*

*Illi fl-istess risposta tad-DSS annessi magħha l-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-istess appellanta. Illi ħareġ biċ-ċar li l-ammont imħallas ma kienx jammonta għal dak li tirrikjedi l-liġi u ċioe' f'dak li hemm fl-artikolu 17 tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ikkunsidra*

*Illi f'dan il-każ tela' jixhed Joseph Debono fejn esebixxa diversi dokumenti u fejn qal li skont l-informazzjoni li kellu, jidher li bolol għal diversi snin rispettivi qatt ma kienu tħallsu. Illi għalhekk mill-kalkoli li għamel l-istess dipartiment irriżulta fuq dak li kellu fis-sistema tiegħu ma kienx hemm biżżejjed ħlas ta' kontribuzzjonijiet sabiex tkun il-medja skont ma hemm fil-liġi. Illi anki mill-istess dokument esibit mill-istess DSS juri li ma kienx hemm ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet sabiex jiġu kalkulati ai fini tal-medja.*

*Għalhekk minħabba dak li jgħid l-istess artikolu 17(5) tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta jidher li l-appellanta ma tissodisfax ir-rekwiżiti sabiex tkun intitolata għal dan it-tip ta' benefiċċju li applikat għalih u dan minħabba l-fatt li medja tagħha tal-ħlas ta' kontribuzjonijiet huwa ferm anqas minn dak stabbilit fl-artikolu 17(5) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-Arbitru filwaqt li jagħmel referenza għas-suespost u għat-talbiet tal-Appellanta kif dedotti jiddisponi minn dan l-Appell billi jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali."*

## **L-Appell**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-6 ta' Ġunju, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex *'jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2024, numru 717/2021 ... u tidderieġi lid-Direttur sabiex jibda jħallas il-pensjoni relattiva.'* Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li d-deċiżjoni appellata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

7. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fit-12 ta' Lulju, 2024, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju uniku tal-appellanta, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat.

9. L-appellanta ssostni li d-deċiżjoni appellata naqset li tanalizza l-provi li tressqu minnha, anki permezz ta' diversi xhieda. Tikkontendi li l-iskop tal-benefiċċju soċjali in kwistjoni, huwa li jipprovdi lir-romol ħajja dinjituża, u dan fejn hija kienet għaddiet minn diversi snin ta' sagrifiċċji ma' żewġha li kien jiddependi fuq is-sustanzi tad-droga. L-appellanta tgħid li għalhekk il-każ tagħha kien jimmerita attenzjoni ikbar min-naħa tal-Arbitru, fejn fil-fehma tagħha l-perijodi relattivi għall-komputazzjonijiet huma dawk marbutin ma' ċirkostanzi straordinarji.

10. Id-Direttur Ġenerali appellat min-naħa tiegħu jsostni li l-artikolu 31 tal-Kap. 318, jitlob li l-kundizzjonijiet impost għandhom jiġu sodisfatti mingħajr kwalifika, u għalhekk l-Arbitru kien korrett meta skarta kull prova li setgħet tressqet min-naħa tal-appellanta dwar it-tbatija li hija setgħet għaddiet minnha fil-*'perijodi karenti'.* Filwaqt li jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, jirrileva li l-motivazzjoni tal-Arbitru hija kongruwa u koerenti mal-elementi tal-provi attendibbli, u għalhekk saret *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid wkoll li qorti tat-tieni istanza

bħala prinċipju m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tiegħu fejn id-deċiżjoni tkun waħda loġika u koerenti mal-konstatazzjonijiet u l-verifiki li għamel, u li ma ġewx ikkontestati min-naħa tal-appellanta, anzi ġew ammessi permezz tal-ħlas ta' dawk il-kontribuzzjonijiet li kien hemm nieqsa wara d-data tal-mewt ta' żewġha. Jgħid li għalhekk ma kien hemm l-ebda attitudni errata jew kunċett żbaljat min-naħa tiegħu ta' dak li jitolbu l-artikoli 31 *et seq.* tal-Kap. 318.

11. Il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni appellata hija korretta. L-Arbitru kkunsidra li ma kienx irriżulta mill-provi li ġew ippreżentati quddiemu, li kien hemm ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet suffiċjenti sabiex jiġu kkalkulati għall-fini tal-medja. Għalhekk għaraf korrettement li skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 17(5) tal-Kap. 318, l-appellanta ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti sabiex tkun intitolata tirċievi l-benefiċċju soċjali li hija kienet applikat għalih. B'hekk huwa sewwa għamel li ċaħad l-appell tagħha.

12. Il-Qorti kkunsidrat l-argument tal-appellanta li l-Arbitru kellu jqis il-każ tagħha bħala wieħed eċċezzjonali, u għalhekk qiegħda tippretendi li hija kellha tiġi ammessa bħala li tikkwalifika għall-ħlas tal-benefiċċju in kwistjoni. Imma l-Qorti tgħid li l-Arbitru mexa skont il-liġi, li ma tipprovdi għall-ebda deroga fl-ebda ċirkostanza. L-istess għamel id-Direttur Ġenerali appellat, li bħalu kellu jdejh marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-liġi. Għaldaqstant ma tikkunsidrax li l-appell huwa wieħed fondat.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċedura għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**